# Joseph Calleja stupend

minn **Noel D'Anastas**



*It-tenur Malti Joseph Calleja waqt il-kunċert tal-Ħamis li għadda. Taħt jidhru Zucchero waqt l-istess kunċert. (Ritratti: Martin Agius)*

Il-Ħamis li għadda, eluf kbar ta' nies ħonqu l-Fosos tal-Furjana, mhux għal xi dimostrazzjoni politika jew għall-kunċert tal-massa ta' moħħ ir-riħ f'dak li joffri l-MTV, iżda għall-kunċert kbir li Joseph Calleja u l-ħbieb mistiedna internazzjonali taw f'xenarju sajfi fl-aqwa tiegħu.

Għall-ewwel darba minn kemm ilu jittella' mill-2009, il-pubbliku ġenerali kellu l-opportunità jgawdi dan il-kunċert dirett hajr għall-ftehim li kien intlaħaq bejn l-organizzaturi u xi *sponsors* biex l-*istanding area* tkun miftuħa kompletament b'xejn għall-pubbliku u hekk il-ħolma ta' bosta li jaraw *live* lit-tenur ċelebri Joseph Calleja saret realtà – xi ħaġa li nemmen li għandha tibqa' ssir.

Għal din ir-raba' edizzjoni ta' dan il-kunċert annwali, Joseph Calleja kellu l-mistiedna internazzjonali Zucchero, Rebecca Ferguson li kisbet suċċess mill-*X Factor* Britanniku, Tenisha u Gianluca Bezzina.

Kien hemm ukoll dik li ssejħet sorpriża fil-kantant Riccardo Cocciante, għalkemm ħafna kienu diġà jafu b'dan mill-*media*. Il-kor tat-tfal ta' Joseph Calleja, din id-darba taħt il-kappa tal-BOV, reġa' kien immexxi mis-sopran Jillian Zammit u fost it-tfal ċkejknin helwin kien hemm waħda mill-bniet tal-Prim, u għala le? Il-mużika tagħna lkoll!

Il-kunċert twil ftit aktar minn tliet sigħat kien organizzat tajjeb. Il-palk lussu – probabbli l-isbaħ wieħed f'dawn l-edizzjonijiet – offra spettaklu tal-ħolm li flimkien mal-*projections* elettrifikanti u effettivi kont thossok qisek fl-atmosfera tan-*nursery rhymes*. Jakkumpanja dan f'mumenti kien hemm ukoll il-logħob tan-nar. Il-ħoss nikklasifikah bħala wieħed tal-ġenn, sofistikat u elaborat fejn hareġ id-dinamiżmu tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta taħt id-direzzjoni tas-surmast bravu Taljan.

Żgur ma jingħadx l-istess għal dawk li kienu bilwieqfa fuq wara li aktar semgħu t-tgemgim ta' ħdejhom milli dak li kien qed jindaqq. Setgħu baqgħu d-dar! Min-naħa l-oħra, dawk ta' wara kellhom l-opportunità jsegwu l-kunċert permezz tal-*big screens*, xi ħaġa li NnG jidher li tgħallmu wara l-kunċert ta' Mark Knopfler. Nittama li t-tagħlima jibqgħu jiftakruha.

## Joseph Calleja versatili

Il-bidu tal-kunċert kien wieħed kwiet. F'mument, it-tenur deher kemxejn irrabjat forsi minħabba li f'silta minnhom kellu jerġa' jibda wara problema teknika, li f'kunċerti bħal dawn tista' tiġri u ġeneralment rari wieħed jinduna. Iżda meta dan irid ikun rekordjat biex jixxandar, allura l-artist jippretendi li l-eżekuzzjoni tkun perfetta.

Fil-fatt, dan il-kunċert għandu jixxandar aktar 'il quddiem fuq TVM. Biss, Joseph Calleja kien kbir f'dak kollu li għamel.

Barra s-sbuħija tal-*Bel Canto*, Calleja kien versatili. Dan deher aktar evidenti fit-tieni parti tal-kunċert fl-interpretazzjonijiet ta' skola Russa u dik Franċiża, fosthom *Klein Zackes* minn *Les Contes d'Hoffmann* ta' Offenbach.



F'*Caruso* ngħatat tislima xierqa lil Lucio Dalla li kien fostna fuq il-Fosos fl-2011, ftit xhur biss qabel ma miet. Iddefinixxa wkoll l-identità Maltija fix-xemx f'*O sole mio*. L-element Spanjol ta' *Granada* kien brillanti. L-*istanding ovation* għal diversi drabi kienet misthoqqa.

Mal-artisti Maltin, Calleja għamel dwett ma' Gianluca Bezzina fil-klassika *Xemx*. It-tabib b'kariżma reġa' fakkarna fis-suċċess li kiseb fil-Eurovision b'*Tomorrow*. Kien attrazzjoni interessanti l-element klassiku mal-produzzjoni ta' Tenishia, kunsidrati fost l-aqwa DJs mondjali.

## Il-grinta ta' Zucchero

Zucchero, li kien għadu ġej minn Verona, jibqa' wieħed mitiku u għalkemm ġie kemm-il darba Malta, ma tiddejjaq qatt li terġa' tisimgħu u tieħu *buzz* mar-ritmu.

Il-grinta *rock* u *blues* tiegħu hi garanzija għal kunċert ħaj li kienet dominanti fin-numri li wassal, sew bħala solista kif ukoll fi dwett mat-tenur. Numri bħal *Everybody's Gotta Learn Sometime* u *Così Celeste* niżlu għasel. F'*Vedo Nero* u *Baila Morena* rnexxielu wkoll iqajjem lil kulħadd bir-ritmu mexxej. Il-ħoss fihom kien eċċezzjonali.

Bla dubju, il-qofol kien f'*Miserere* fi dwett ma' Calleja li hareġ is-sbuħija tal-kunċert. Għal darba, darbtejn, il-folla tpaxxiet.

Il-vuċi sabiħa ta' Rebecca Ferguson spikkat f'*Can't Help Falling in Love* li harġitha brillanti, *Backtrade*, *Glitter and Gold* u *Teach me how to be loved* meħuda mill-album tagħha *Heaven* għalkemm ma tantx laqtitni f'*Amazing Grace*, u probabbli din kellha l-isbaħ *projection* tal-kunċert.

L-istennija għas-sorpriża fl-emozzjoni li joffri Riccardo Cocciante kienet kbira. Fuq il-pjanu, Cocciante wassal wieħed mill-kapulavuri tiegħu, *Margherita*. Il-passjoni *con anima* kienet ċara. Id-dwett ma' Joseph Calleja f'*Il tempo delle Cattedrali* kien tajjeb.

Bosta kienu tal-fehma li l-kunċert kien twil. L-istennija bejn numru u ieħor dejqet lil ħafna, l-aktar lil dawk it-tfal fuq il-palk li għamlu t-tieni parti tal-kunċert bilwieqfa f'dik is-sħana tad-dwal.

Xi kummenti kienu li l-kor kien biss hemm biex kanta l-vokali. Biss, l-effett maħluq ta atmosfera sabiħa.

L-appuntament li jmiss għal mal-artistrija per eċċellenza ta' Joseph Calleja u l-ħbieb internazzjonali hi għal sena oħra. Konvint li l-impenn li waqqaf Calleja flimkien mal-bank Malti BOV fil-fondazzjoni filantropika se jagħti ħafna ġid.